**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' Ottubru 2017.**

**Rikors Numru: 379/2015 CSH**

**Vincent Calleja (I.D. 100151M)**
**vs**

**Duncan Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Vincent Calleja** pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija tnejn u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€10,372.16) minnu dovuti bhala prezz ta' merkanzija mixtrija mill-konvenut minghand l-attur u lilu debitament ikkonsenjata stante li ghadu inadempjenti minkejja li kien wieghed li ser ihallas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru 2014 kontra l-konvenut li hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Duncan Attard kif ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2016 fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. "Preliminarjament l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sena u nofs taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi l-esponenti m'ghandu jaghti xejn lil Vincent Calleja."

Illi nhar l-1 ta' Marzu, 2016 xehed l-attur **Vincent Calleja** u spjega li huwa mportatur u jbiegh l-affarijiet li jintuzaw mit-tappizzara. Spjega li effettivament il-konvenut kien jixtri minghandu, gieli jhallas dak il-hin *cash* u gieli ghamel *credit*. Spjega li matul iz-zminijiet il-kontijiet tieghu bdew jitilghu. Spjega li kien hemm xi zmien meta Attard qallu li kien qieghed ftit maghfus ghaliex kien qed jaghmel xi xoghlijiet fil-post tieghu Wied il-Ghajn u ghalhekk hu tah ic-cans biex ihallsu. Imbaghad rah xi xi sena, sena u nofs ilu ghaliex kien qieghed fil-hanut u qallu biex jiehu hsieb il-kont ghax kien tela' mhux hazin u Attard qallu li ma kellux itih. Esebixxa kopja tal-*invoices* li ghadhom pendenti sal-lum u ghadda kopja lill-kontroparti. Dawn l-*invoices* qed jigu markati bhala Dokument Z. Spjega li fost dawn l-*invoices* hemm dawk li huma mhallsa wkoll. Ghalhekk spjega li l-bilanc dovut mill-konvenut huwa ta' *ten thousand three hundred seventy two point sixteen*. Spjega li kull xahar johrog *statement* mill-*computer* u kien jibghatulu. Spjega illi l-konvenut kellu *ongoing accounts* mieghu u waqaf jixtri minghandu xi sena u nofs, sentejn ilu. Kif jirrizulta mill-istatement anness fuq Dokument Z li huwa mmarkat bhala Dokument Z1 jidher li l-ahhar xiri li ghamel il-konvenut kien registrat fil-15 ta' Jannar 2013 fl-ammont ta' €252. L-affarijiet li huwa kien ibieghlu kienu drappijiet u *foams* u dan kien *wholesale*.

Vincent Calleja rega' xehed in kontro-ezami fil-15 ta' Gunju, 2016 fejn cahad li effettivament il-konvenut kien laqqghu ma' Paul Testaferrata Moroni Viani. Cahad ukoll li kienu tkellmu jew waslu ghal ftehim li hu kien se jtih 50c ghal kull metru. Qal li fil-fatt Attard, meta kien mar jara d-drapp kien qallu li kienu se jordnaw hafna u li jekk jordnaw kien se jiehu hsiebu u allura hu wiegbu li jekk ikun hemm minn fejn hu wkoll jiehu hsiebu. Qal li s-Sur Paul Testaferrata Moroni Viani kien ilu zmien twil klijent tieghu, minn hafna zmien qabel dahal fix-xena Duncan Attard u li xi ghaxar snin qabel kienu jtuhom xi materjal ghall-pool ghaliex il-pool mats kienu jinbidlu kull sentejn u huma kienu jiehdu hsieb

dan ix-xoghol, peress li mportaturi ewlenin bhalhom li jgibu dak il-materjal kien hawn forsi wiehed jew tnejn.

Qal illi Duncan Attard kien mar diversi drabi ghandhom in konnessjoni max-xoghol tal-lukanda u kkonferma illi tassew kien mar ha xi samples minghandhom u ghaddiehom lil tal-lukanda. Zied jghid li lis-Sur Testaferrata hu kien tah il-prezz wholesale tal-materjal li kien se jixtri izda dan beda jissikkah hafna u ma riedx jaccetta, tant li stante l-kwantita' lil kien hemm anke talab barra biex inaqqsulu l-prezz biex ma jitlifx l-ordni. Kieku tilef l-ordni hu, kien jitlifha anke Duncan Attard. Lil Duncan kien qallu li kienu ghafsuh fil-prezz u li ma kellux fejn jahseb fih, izda ma jiftakarx Attard x'kien wiegbu ghal dan. Qal li din hija l-ewwel darba li qed jisma' dwar il-50c *round figure.* Filwaqt li stqarr li lil Attard kien tassew qallu li jekk kien hemm minn fejn kien se jiehu hsiebu, qal ukoll li somom qatt ma ssemmew. Sostna li l-imghallem kien ghasru w bilkemm kien hallielu *commission*. Calleja qal li hu m'ghamilx negozju ma' Duncan Attard u zied li ma jafx li Duncan kien qallu li jekk mhux se jahseb fih kien se jmur ghand haddiehor, izda dan ma kienx possibbli ghaliex is-Sur Testaferrata xtaq drapp partikolari li kien jissupplixxi hu biss.

Illi nhar il-15 ta' April, 2016 xehed **Darren Abdilla** u spjega li huwa jahdem mas-socjeta' Kelly Industries immexxija mill-attur stess li gharaf prezenti fl-Awla u jiehu hsieb l-istores bhala *shop keeper*. Oltre dan jiehu hsieb l-ordnijiet, jaqdi n-nies fil-hanut u kien hemm xi zmien li kien iqassam ix-xoghol ukoll barra bhala *helper*. Lill-konvenut jafu ghaliex effettivament kien imur jixtri minghandhom u kienu sahansitra johdulu xi xoghol. Kienu johdulu *foam*, tapizzerija, *rexine* u affarijiet bhal dawn. Affarijiet konnessi mas-sengha ta' tapizzar. Gie muri d-dokumenti esebiti f'dawn l-atti a fol 11 u qal li dawn huma *invoices* tax-xoghol li kienu jtuh. Dawn huma mmarkati bhala Dok. Z. Filfatt hemm wahda minn dawn l-*invoices* kien harigha hu datata 27 ta' Marzu 2009. Gharaf *invoice* ohra datata *29 ta' April 2009*. Gharaf ohrajn datati 16 ta' Gunju

2009, 12 ta' Gunju 2009 u 15ta' Gunju 2009 u spjega li jista' jkun li hemm xi ohrajn. Spjega illi l-konvenut gieli mar wahdu, gieli mar missieru u gieli jiffirmaw l-*invoices*. Spjega illi kien hemm *ongoing credit*.

Rat l-affidavit ta' **Duncan Attard** ipprezentat fis-17 ta' Mejju, 2016 fejn bil-gurament tieghu ddikjara li huwa jopera fin-negozju bhala tapizzar. Spjega illi ghall-habta tas-sena 2003 huwa kien gie avvicinat mil-lukanda St. George's Park gewwa Paceville sabiex jaghmlilhom xi xoghol ta' tapizzerija li kellhom bzonn. Dan ma kienx kuntratt zghir u kien jinhtieglu illi juza ammont sostanzjali ta' materjal sabiex ikun jista' jahdem dan ix-xoghol.

Huwa kien ghalhekk avvicina lil Vincent Calleja, li xogholu kien li jimporta l-materjal li jintuza fix-xoghol ta' tapizzerija u kien spjegalu x'materjal kellu bzonn.

Spjega illi ghal bidu huwa kien beda jinnegozja ma' Vincent Calleja dwar il-prezz li bih kellu jbiegh id-drapp lil St. George's Park. Wara xi zmien hu kien qallu biex jara hu x'ried *commission*, u jlaqqaghhom flimkien biex ikompli jinnegozja hu maghhom. Ghalhekk, l-arrangament ta' bejniethom kien illi huwa javza lil Vincent Calleja kemm kien ser ikollu bzonn ta' materjal biex jaghmel ix-xoghol ghal-lukanda St. George's Park, u li dan johrog il-kont direttament lil-lukanda. Fl-istess waqt hu u Calleja kienu ftiehmu illi ghal kull metru linearji ta' drapp li kienet ser tixtri l-lukanda, li hu jinghata *commission* fl-ammont ta' Lm0.50c. Spjega illi huma ftiehmu il-*commission* jehodha f'materjal peress li hu kien jixtri b'mod regolari minghandu.

Spjega illi l-lukanda St. George's Park kienet xtrat madwar 10,000 metru linejari ta' drapp u ghalhekk huwa kien intitolat ghall-*commission* fl-ammont ta' Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,646.

Spjega wkoll illi wara li kien sar dan l-arrangament bejnu u bejn Calleja, hu ftiehem ukoll ma' St. Georges's Park dwar tnaqqis ta' Lm0.75c ghal kull metru ghax-xoghol ta' jdejh. Ghalhekk huwa kien ser jitlef Lm 0.25c fuq kull metru minn fuq ix-xoghol ta' idejh, pero' kien ser jiehu lura Lm0.50c fuq kull metru minn fuq il-bejgh ta' materjal minn Calleja lil St. George's Park.

Wara li kienu saru dawn l-arrangamenti, huwa kien baqa' jiehu l-materjal minghand Calleja ghal xoghol iehor u l-kont kien beda tiela'. Sa dan iz-zmien hu kien minghalih li kollox kien miexi sew u li l-valur tal-materjal li kien qed jiehu minghand Calleja ghal xoghol iehor, kien qed jigi pacut mal-*commission* li kienet dovuta lilu minn fuq il-bejgh tad-drapp minn Calleja lil St. George's Park.

Illi wara li sar dan l-arrangament bejniethom u huwa beda jiehu x-xoghol minghand Calleja hu qallu li din il-*commission* ma kienx ser jaghtihielu ghaliex tal-lukanda kienu qed jaghfsuh fil-prezz u kien nesa jahsiblu ghalihom. Ghalhekk, hu qed jghid illi hu m'ghandu jaghti xejn lil Vincent Calleja peress illi x-xoghol kollu li ha hu minghandu kellu jaghmel tajjeb ghalih il-*commission* li hu kien intitolat ghalih.

Barra minn hekk, ghamel referenza ghas-serje ta' *delivery notes* u fatturi esebiti minn Calleja u spjega is-segwenti:

I. Dwar il-fatturi datati: 23/5/2007, 24/06/2007, 12/07/2007, 16/10/2007, 18/1/2010, 19/2/2008, 9/08/2008, 4/10/2008, 28/11/2008. 24/11/2008, 18/12/2008, 9/1/2009, 19/03/2009, 13/05/2009, 29/10/2009, 27/7/2010, 08/11/2010, 8/11/2010, li komplessivament jammontaw ghal €4,554.64 huma *delivery notes* li ma gewx iffirmati u/jew ma gewx iffirmati minnu jew minn missieru, u cioe' l-unika persuna ohra li kien jiffirma d-*delivery notes* ghall-materjal minfloku.

II. Dwar il-fattura datata 13/3/2012 spjega illi huwa fiz-zmien kien jahdem mal-kumpanija FXB Limited fuq xoghol barra minn Malta u li din il-fattura tirreferi ghal xoghol li kien sar ma' din il-kumpanija u li ghalhekk hu m'ghandux ikun responsabbli ghall-hlas ta' €149.20 li jidher fiha ghaliex dan ix-xoghol kellu jithallas direttament minn F.X.B, Limited.

III Illi barra minhekk, hemm numru ta' fatturi, u cioe' dawk datati 06/01/2009, 16/04/2009, 9/5/2009, 09/12/2008, 03/08/2009 u 17/09/09, ammontanti komplessivament ghal €2,985.15 fejn l-ammonti hemm indikati gew mibdula wara li l-oggetti gew ikkonsenjati.

IV. Illi dwar il-fattura datata 21/12/2010 din tindika li din giet imhallsa u ghalhekk irid jitnaqqas l-ammont ta' €315.80.

Fil-15 ta' Gunju rega' xehed **Duncan Attard** u spjega li kien hemm bzonn ta' bicca xoghol ta' tapizzerija gewwa lukanda u huwa kien gie avvicinat minn Paul Testaferrata Moroni Viani ghal dan ix-xoghol. Il-lukanda kienet St. George's Park gewwa San Giljan. Testaferrata kien talbu jsiblu xi materjal biex jaghmel dan ix-xoghol u hu min-naha tieghu kien talab lil Vincent Calleja biex isiblu l-materjal mitlub. Qal li sab diversi tipi ta' materjal ta' xoghol u kien jurihulhom biex jaghzlu liema wiehed xtaqu juzaw. Meta sabu dak li xtaqu, huwa tkellem ma' Vincent Calleja u dan staqsieh x'ried bhala *commission* u talbu jlaqqghu ma' Paul Testaferrata Moroni Viani. Il-konvenut qal li kien talbu fifty cents-il metru Maltin (Lm0.50) u dan sabiex ikun jista' jaghlaq il-*labour* tieghu. Zied jghid li wara li kien ftiehem maghhom, lil Vincent Calleja kien naqqaslu 75c, fis-sens illi jigbor il-50c minghand Vincent Calleja u jitlef biss 25c. Ma' Vincent Calleja kien ftiehem ukoll li l-*commission* johodha bhala materjal.

Meta mbaghad kien beda jahdem ix-xoghol u jiehu l-flus ghall-*commission*, is-Sur Calleja kien avvicinah u qallu li kien nesa jahsiblu ghal 50c-il metru u li ghalhekk ma kienx se jtih dak li weghdu. Qal li effettivament kien hemm tliet ordnijiet, pero' hu kien indikalu biss tal-ahhar tnejn. Huwa esebixxa dawn iz-zewg ordnijiet li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokumenti CSH u CSH1. Skond informazzjoni li ghandu, kellhom jinxtraw xi ghaxart elef metru (10,000mtrs) ta' materjal. Qal li dawn iz-zewg karti kienu gew moghtija lilu minn Paul Testaferrata Moroni Viani stess u huwa ghadda kopja taghhom lil Vincent Calleja, pero' dan qallu li ma kienx haseb ghal fifty cents-il metru minkejja li kien weghedu u ghalhekk m'accettahomx.

Fil-15 ta' Gunju, 2016 il-konvenut ipprezenta nota li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' missieru **Lawrence Attard**. Dan iddikjara li hu ilu jghin lil ibnu Duncan fin-negozju tieghu ta' tapezzar ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena peress li hu pensjonant. Barra milli jghinu fil-garage, imur ukoll jaghmillu xi qadjiet meta jkollu bzonn. Iddikjara wkoll li hu jiffirmalu ghax-xoghol jew materjal li jasallu. Huwa jew Duncan biss jiffirmaw ghax-xoghol.

Rigward il-fatturi w delivery notes esebiti minn Calleja cioe' dawk datati 23/5/2007, 24/6/2007, 12/7/2007, 16/10/2007, 18/1/2010, 19/2/2008, 9/8/2008, 4/10/2008, 28/11/2008, 24/11/2008, 18/12/2008, 9/1/2009, 19/3/2009, 13/5/2009, 29/10/2009, 27/7/2010, 8/11/2010 qal li dawn ma gewx iffirmati la minnu w lanqas minn Duncan.

Rigward id-delivery notes datati 17/9/2009, 24/4/2007 u 23/10/2008 qal li ma jaghrafx il-firma tieghu fuqhom.

Rigward il-fattura dwar xoghol ordnat minn FXB Limited qal li lanqas din ma hi ffirmata minnu.

Dwar id-delivery note datat 9/12/2008 qal li din tidher li giet mibdula wara li kien iffirma ghaliha.

Fit-18 ta' Jannar, 2017 rega' xehed **Duncan Attard** u spjega li l-ftehim li huwa kellu mas-Sur Calleja kien fuq bhala *commission* 50c kull metru. Peress li effettivament St. George's Park kienet xtrat ghaxart elef metru (10,000mtr) lineari ta' drapp kien qed jippretendi *commission* jew ahjar kien intitolat ghal hamest elef Liri Maltin (Lm5000) bhala *commission*. Il-ftehim kien wiehed bil-fomm. Fil-fatt is-Sur Calleja qatt ma cahad li kien hemm dal-ftehim. Mhux minnu li effettivament is-Sur Calleja qallu li jekk ikun hemm profitt kien ha jiehu hsiebu ghax kieku qallu dan id-diskors hu kien imur ghand agenti ohrajn. Spjega li fil-bidu kien hemm ftehim ma' dan li huwa kien qed jiehu x-xoghol minghandu u kellu jigi pacut, pero' wara certu zmien qallu li ma setax jaghmel tpacija u li ghalhekk l-invoices kellu jhallas ghalihom b'mod separat. Ghamel zmien ma kienx jircievi kontijiet u wara zmien beda jircievi. Fil-fatt rega' kkonferma li effettivament kien ghamel zmien twil ma jircievi invoices minghand is-Sur Calleja ghax-xoghol li kien jiehu. Id-*delivery notes* kienu jiffirmaw ghalihom kemm hu u kif ukoll missieru Lawrence. Effettivament anke s-*salesman* tas-Sur Calleja kkonferma dan. Huwa qatt ma halla min jiffirma ghalih. Is-*salesman* tas-Sur Calleja kkonferma li kienu hu u missieru biss li kienu jiffirmaw id-dokumenti. David Micallef qatt ma ffirma ghad-*deliveries* tieghu u fil-fatt dan lanqas jaf min hu. Kull meta baghat persuna tixtri minghand is-Sur Calleja hadd qatt ma ffirma l-karti ghalih.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata f'dawn l-atti nhar is-26 ta' April 2017 u dik prezentata mill-konvenut nhar it-3 ta Lulju 2017.

Semghet il-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu lill- Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2017.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jithallas minghand il-konvenut is-somma ta' ghaxart elef, tliet mija u tnejn u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€10,372.16) rapprezentanti merkanzija in konnessjoni max-xoghol ta' tapizzar, konsenjata lill-konvenut fuq medda ta' zmien kif jirrizulta mill-*invoices* esebiti fl-atti. Jidher li bejn l-attur u l-konvenut kien hemm negozju kummercjali u li ghalhekk kien hemm ukoll *on going credit account* moghti mill-attur a benficcju tal-konvenut. Illi l-konvenut qed jecepixxi l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu huwa jghid li dawn il-flejjes mhumiex dovuti fuq pretiza ta' tpacija ghaliex huwa kellu ftehim verbali mal-attur li kellu jiehu 50c *commission* fuq kull metru drapp li huwa jbiegh lil Paul Testaferrata Moroni Viani. Cio' nonostante pero' fl-eccezzjonijiet tieghu huwa ma jghid xejn dwar it-tpacija, jghid biss li l-azzjoni hija preskritta.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jghid li in effetti huwa kien taht l-impressjoni li ix-xiri li kien qed jaghmel kien qed isir bl-intendiment li d-debitu tieghu jigi pacut mal-kreditu li kellu fuq il-kommissjoni tan-negozju li kien sar bejn Paul Tetaferrata u l-attur (*vide klawsola 10 tan- nota tal-konvenut).*

L-attur ma jaqbilx mat-tezi sollevata mill-konvenut dwar in-negozju li sar ma' ta' Testaferrata u zgur li ma jaghtix l-istess spjegazzjoni u ghalhekk kif *del resto* jghid l-istess konvenut fin-nota tieghu stess hemm konflitt bejn dak li qalu l-attur u l-konvenut. Pero' din mhix kwistjoni, kif qal il-konvenut fin-nota tieghu, li l-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tara lil min ghandha temmen. Hawnhekk jidhlu principji legali u mhux diskrezzjonali.

Jigi rilevat li l-konvenut ma tax l-eccezzjoni ta' tpacija izda ta dik biss ta' preskrizzjoni u li l-ammont mitlub mhux dovut. Huwa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li qajjem din il-kwistjoni ta' tpacija. Minkejja li difiza ma tistax titqajjem sempliciment f'nota, ghaliex b'hekk il-parti l-ohra tkun qed

tigi priva mid-dritt taghha li taghmel l-opposizzjoni taghha, xorta jinghad li b'dak li l-konvenut stqarr fin-nota tieghu, huwa stess iddikjara li l-azzjoni tal-kreditu tal-attur tezisti u ghalhekk tali obbligazzjoni ma intemmitx.

Illi jibda biex jingħad li t-tpaċija sseħħ hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta' xulxin[1]. Kemm hu hekk, din it-tpaċija ssir bis-saħħa tal-liġi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri jkunux jafu li qegħda sseħħ[2]. It-tpaċija sseħħ fejn ikun hemm żewġt idjun li jkollhom somma ta' flus jew ħaġa funġibbli ta' l-istess speċi u dan sakemm iż-żewġt idjun ikunu likwidi u dovuti[3];

Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni[4]. Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[5] u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi t-tpaċija sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs[6]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija *"i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro co-esistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge..."*[7];

[1] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[2] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[3] Art. 1197(1) tal-Kap 16
[4] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[5] P.A. 3.5.1993 fil-kawża fl-ismijiet Spiteri et vs Vella (Kollez. Vol: LXXVII.iii.128)
[6] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[7] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9a Ediz.), § 246, paġ. 415

Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[8]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[9]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li:-

(a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur),

(b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin,

(ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli);

(d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantita'; u

(e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[10].

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera *"l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito"*. Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet.

Kemm hu hekk, ingħad b'awtorita' interpretattiva li *"La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe'*

---

[8] Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365
[9] Kumm.26.11.1984 fil-kawża fl-ismijiet Merċieca noe vs Debono noe et (Kollez. Vol: LXVIII.iv.235)
[10] Art 1197 tal-Kap 16

*in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico"*[11];

Il-Qorti ezaminat id-dokument esebit u mmarkat bhala Dok Z a fol. 11 tal-process u jirrizulta minnufih li bejn il-kontendenti kien hemm negozju regolari u l-kont kien wiehed *open* fis-sens li l-konvenut kellu l-fakolta' ta' *credit* mal-attur u ma kienx ihallas minnufih ghall-merkanijza li jkun xtara, izda d-debitu tieghu kien jitnizzel fuq il-kont u kull tant zmien il-konvenut kien jaghmel pagament sabiex inaqqas id-debitu li jkollu pendenti. Jidher li l-ahhar xirja li ghamel il-konvenut hija registrata li saret fil-15 ta' Jannar 2013 fl-ammont ta' €252 euros. L-attur jghid ukoll, u dan mhux kontestat, li l-mercja li l-konvenut kien jixtri kienet wahda '*wholesale*.' Illi dan il-fatt *per se* mhux kontestat mill-konvenut.

Il-konvenut qed jghid ukoll li din il-Qorti ghandha tnaqqas xi ammonti minn dak mitlub mill-attur f'kaz biss jekk din l-istess Qorti ma tasalx biex taqbel li l-konvenut huwa intitolat ghal *commission* u li ghalhekk dak li ghandu jiehu l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal dan l-allegat kreditu.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost stante li l-konvenut stess irrikonoxxa d- debitu tieghu fin-nota li pprezenta, stante li qed jghid li l-ammont ghandu jigi pacut, il-Qorti tiddikjara li l-azzjoni tal-attur ma setghet qatt tigi estinta bi preskrizzjoni.

Konsegwentement din l-ecezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni l-ohra sollevata u cioe' li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn, hawnhekk ukoll din il-Qorti tissolleva li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja l-eccezzjoni tieghu, fis-sens li jghid ghaliex l-ammont pretiz mhux dovut, jew billi jressaq prova li huwa gja hallas dan l-ammont li qed jigi reklamat jew jaghti raguni ghaliex ma hux dovut. Il-fatt li huwa ressaq l-

[11] Pescatore e Ruperto *Codice Civile Annotato* (7th Ediz.), paġ. 1164

eccezzjoni tal-preskrizzjoni fid-dawl fuq espost, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-ammont pretiz mhux dovut.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-i*statements* esebiti, l-*invoices* li jabbraccjaw l-i*statements*, ix-xhieda tal-attur u dik imressqa minnu, thoss li it-talba tieghu ghandha tigi akkolta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba ta' l-attur filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma reklamata minnu fir-rikors promotur b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u tnejn u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€10,372.16).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali numru 2178/14 presentata nhar l-20 ta' Ottubru 2014 u cioe' mill-24 ta' Ottubru 2014.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**